**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima., LL.D.**

**Appell Nru: 471/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon J. Camilleri**

**George Stephen Darmanin**

**Andre' Tagliaferro**

Illum, 29 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti, Simon J. Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 612063M, Stephen Darmanin, detentur tal-karta tal-identita' 79273M; u Andre' Tagliagerro, detentur tal-karta tal-identita' 138484M akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

- Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ġew akkużati Simon J. Camilleri bħala direttur ta' *Institute of Health and Safety (Investments) Limited* u *Medilink International Limited* u George Stephen Darmanin u Andre' Tagliaferro fil-kapaċita' tagħhom ta' *project supervisors* maħtura mill-klijent talli fis-sit sitwar f'98, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema nhar l-4 ta' Novembru 2019 matul il-ġurnata u fix-xhur ta' qabel naqsu milli jikkoordinaw l-implementazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' A.L.

88/2018 billi naqsu milli jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art. 6 ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Diċembru, 2021, li wara li rat l-artikoli tal-liġi relevanti senjatament ir-regolament 6 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 2018 u l-artikoku 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lil George Stephen Darmanin mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, sabet lil Simon J. Camilleri bħala direttur ta' *Istitute of Health and Safety (Investments) Limited* kif ukoll lil Andre' Tagliaferro ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u kkundannat lil Simon J. Camilleri multa ta' €5000 u lil Andre' Tagliaferro multa ta' €3, 500.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Simon J. Camilleri u Andre' Tagliaferro, pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2021, fejn talbu lil din l-Qorti tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberhom minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti preliminarjament jargumentaw illi l-appellant Simon Camilleri ġie misjub ħati erronjament mill-Ewwel Qorti fil-kapaċita' vikarja tiegħu bħala direttur tas-socjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited.* Jikkontendu illi kienet is-soċjeta *Institute of Health and Safety Limited* li ġiet inkarigata mis-soċjeta Vella Falzon Group sabiex teżegwixxi x-xogħol ta' *Project supervisors* fuq sit ta' kostruzzjoni f'Tas-Sliema u mhux is-soċjeta *Instiute of Health and Safety (Investments) Limited*, korp ġuridiku differenti u distint minn dak li dwaru instabet il-ħtija. Jindikaw fir-rikors ta'l-appell illi l-isem ta' din is-soċjeta u ċioe' *Institute of Health and Safety Limited* ġie mibdul

f'dak ta' *Medilink International Limited* fit-08 ta' Ġunju 2020. L-appellant Simon Camilleri, madanakollu, ma ġiex misjub ħati mill-Ewwel Qorti fil-vesti tiegħu ta' direttur ta' din is-soċjeta, u ċioe' ta' *Medilink International Limited* kif *del resto* kien ukoll ġie imħarrek, iżda unikament bħala direttur tas-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited* liema soċjeta, jikkontendu ma kellha xejn x'taqsam mal-każ taħt il-lenti tal-Qorti.

Illi fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jippreżentaw *screen shots* tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited*, kif ukoll tar-reżoluzzjoni tal-kumpanija *Institute of Health and Safety Limited* meta din biddlet isimha f'dak ta' *Medilink International Limited.* Illi madanakollu dawn id-dokumenti ma humiex eżebiti in atti u lanqas ma ntalab permess mill-appellanti sabiex iresqu provi ġodda issa fi stadju ta' reviżjoni. Illi minn qari tax-xiehda tal-PL Quentin Tanti, rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, ma jirriżultax illi huwa ġie mitlub sabiex jippreżenta kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' dawn il-kumpaniji, kif lanqas ġie mitlub jixhed dwar jekk l-isem tas-soċjeta *Medilink International Limited* kienx preċedentement (u ċioe' fil-jum indikat fl-akkuża) magħruf bhala *Institute of Health and Safety Limited.* Lanqas ma jsirlu kontro-eżami u allura meta l-appellanti kellhom l-opportunita' jagħmlu din il-prova quddiem l-Ewwel Qorti huma naqsu milli jagħmlu dan.

Illi allura għalkemm l-appellanti fir-rikors ta'l-appell tagħhom jindikaw lil din il-Qorti illi s-soċjetajiet kummerċjali *Institute of Health and Safety Limited* u *Institute of Health and Safety (Investments) Limited*, huma separati u distinti minn xulxin u għalhekk li huma persuni ġuridiċi differenti, u jindikaw ukoll in-numru ta' registrazzjoni tagħhom, madanakollu dawn il-fatti ma humiex imbagħad riflessi fl-atti tal-kawża u lanqas titqanqal dina l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti. Illi id-difiża ressqet bħala xhieda lill-appellant Andre' Tagliaferro u lil Josette Cutajar impjegata mas-soċjeta *Medilink International Limited* li jeżebixxu diversi dokumenti. L-appellant Simon Camilleri ma jeħux il-pedana tax-xhieda u allura ma joffriex id-deposizzjoni tiegħu fir-rigward.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rappreżentattiva jew *nomine* kif inhi fil-kamp civili. Għalhekk ma hemmx għalfejn li l-persuna akkużata tiġi iċċitata fil-vesti ta' direttur jew in rappreżentanza ta' xi soċjeta' kummerċjali. Biżżejjed li jiġi ċitat b' mod ċar għal dak li jirrigwarda l-konnotati tagħha personali w li mill-korp tal-akkuża jkun jidher ċar li qed tiġi mħarrka jew akkużata minnhabba r-responsabbilta' vikarja tagħha bħala uffiċjal/direttur tal-korp. Dak li jrid jirriżulta mill-provi, iżda hu li, fil-fatt, dik il-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat kienet id-direttur, jew ufficjal tal-korp indikat fl-akkuża u li l-infrazzjoni tal-liġi tkun saret f'dik il-kapaċita' ġuridika.

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali *"Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]*:-

**"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."**

Izda:

**"....meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu."**

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilita' vikarja tal-appellant Simon J. Camilleri għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, jibqa' għalhekk biex jiġi determinat jekk mill-provi kkumpilati ġiex ippruvat illi fil-vesti tiegħu kif indikat fl-imsemmija imputazzjoni huwa jistax jinzamm responsabbli kriminalment minħabba b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni. Dan għaliex l-appellant ma huwiex qiegħed jillanja min-nullita' taċ-ċitazzjoni, billi din hija waħda li saret skont il-ligi, iżda jilmenta unikament illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat lilu addebitat kif deċiż mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u ċioe' fil-vesti tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' *Institute of Health and Safety (Investments) Limited* billi f'din il-kapaċita' ġuridika huwa qatt ma kien responsabbli għall-infrazzjoni tal-liġi lilu imputata.

Illi l-Qorti fliet l-atti proċesswali u x-xiehda imressqa miż-żewġ partijiet. Illi kemm Andre Tagliaferro kif ukoll Josette Cutajar jindikaw illi huma kienu impjegati ma'l-*Institute of Health and Safety* u s-soċjeta *Medilink International Limited*. Illi mid-dokumenti eżebiti kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża jidher illi x-xogħol ta' *projects supervisors* kien qed isir mis-soċjeta *Institute of Health and Safety Limited* bil-kuntratt bejn il-klijent u l-kumpanija, l-korrispondenza skambjata mal-Awtorita tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u r-rapporti sottomessi lill-imsemmija Awtorita' kollha ntestati fuq il-*letterhead* tas-soċjeta *Institute of Health and Safety Limited* bin-numru ta' reġistrazzjoni C9989[1]. Illi mix-xiehda tal-PL Quentin Tanti[2] u mid-dokumenti minnu eżebiti[3], jirriżulta illi s-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited*, iġġib in-numru ta' reġistrazzjoni C73317, filwaqt li s-soċjeta *Medilink International Limited* għandha in-numru C9989. Illi dan iwassal lil din il-Qorti għal konkluzjoni illi dak allegat mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom huwa minnu, għalkemm ma tressqitx prova diretta permezz tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' dawn is-soċjetajiet kummerċjali u ukoll permezz ta' reżoluzzjoni li permezz tagħha sar il-bdil fl-isem tal-kumpanija *Institute of Health and Safety Limited* għal dak ta' *Medilink International Limited.* Illi huwa evidenti illi x-xogħol ta' *project*

[1] Ara dokumenti li jinsabu fl-*Arch Lever files* eżebiti mill-appellant Andre Tagliaferro fix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, Dok AT u Dok AT1, annessi mal-proċess.
[2] Fol.123 tal-atti
[3] Dokumenti QT u QT1 a fols. 125 u 126 tal-atti

*supervisor*s sar mis-soċjeta *Medilink International Limited* ġja' *Institute of Health and Safety Limited* bin-numru ta' reġistrazzjoni C9989 li tagħha l-appellant Simon Camilleri huwa direttur. Illi dan huwa ippruvat sal-grad tal-probabbli, li huwa il-grad ta' prova meħtieġ mill-imputat fil-kamp penali. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti erronjament sabet lill-appellant Simon Camilleri ħati fil-vesti tiegħu bħala '**direttur tas-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited'*** billi f'din il-kapaċita' ġuridika l-appellant Camilleri ma wettaq ebda infrazzjoni tal-liġi. Għal dawn il-motivi għalhekk l-ewwel aggravju sollevat fir-rikors tal-appell jistħoqqlu akkoljiment u l-appellant Simon J. Camilleri fil-vesti tiegħu bħala '**direttur tas-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited'*** għandu jiġi illiberat. Billi l-Avukat Ġenerali ma interpona ebda appell minn dan in-nuqqas fis-sentenza appellata, l-Qorti għalhekk hija prekluża milli tindirizza l-iżball li sar u tqis jekk l-appellant Camilleri għandux jinsab ħati xortawaħda.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju imqanqal fir-rikors tal-appell huwa dirett lejn is-sejbien ta' ħtija fil-konfront ta' l-appellant Andre' Tagliaferro. Illi l-appellanti jorbtu l-obbligi li l-ligi titfa' fuq l-ispalla tal-*project supervisor* għal ħarsien tas-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema fuq is-sit ta' kostruzzjoni mal-kunċett tal-*culpa*, meta isostnu illi tista' tinstab ħtija biss meta in-nuqqas jammonta għal negliġenza. Jisħqu l-appellanti illi r-regolament 6[4] tal-Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant Tagliaferro, għandu jinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi r-regolament 7[5] sabiex b'hekk meta ma jkunx hemm ebda aġir negliġenti da parti tas-*supervisor* tal-proġett, l-ebda azzjoni ma tista' tittieħed fil-konfront tiegħu. Jikkontendu illi l-fatt illi l-appellant Tagliaferro kien jaċċedi fuq is-sit b'mod regolari u kien iħejji rapport kull darba fejn jiġbed l-attenzjoni tal-klijent dwar in-nuqqasijiet li rriskontra fuq is-sit, b'dan illi l-klijent xortawaħda baqa' inadempjenti, jeżimieh mir-responsabbilita' penali billi kif imfisser fir-regolament 8 tal-imsemmi Avviż Legali huwa id-dmir tal-

[4] Is-*supervisor* tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol

[5] L-ebda azzjoni, jew proċedimenti oħra għad-danni għandha tkun jew ikunu stitwiti kontra *supervisor* tal-proġett għall-attli jsir bis-saħħa ta ' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba s-*supervisor* tal-proġett ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti.

klijent li iwettaq dak indikat lilu mis-*supervisor* tal-proġett sabiex jara li titħares is-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Fuq kollox il-liġi mkien ma tagħti lis-*supervisor* is-setgħa li jwaqqaf ix-xogħolijiet u dan kif issuġġeriet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Sussidjarjament jikkontendu illi l-appellant Tagliaferro qatt ma ġie ingaġġat sabiex jagħmel xogħol ta' *project supervisor* mis-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited* billi din is-soċjeta kummerċjali ma kellha ebda involviment fil-proġett ta' kostruzzjoni mertu tal-każ.

Illi r-regolamenti li jitkellmu dwar il-bżonnijiet minimi meħtieġa għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq siti ta' kostruzzjoni ġew mibdula fis-sena 2018. Dan meta l-Avviz Legali 88 tal-2018 ħa post l-Avviz Legali 281 tal-2004. Illi waħda mit-tibdiliet li seħħet fil-liġi regolanti din il-materja tant importanti li tħares minn inċidenti u fatalitajiet fuq siti ta' kostruzzjoni, kienet illi tpoġġi aktar responsabbiltajiet fuq ir-rwol tas-*supervisor* tal-proġett. Bir-regolamenti tal-2004, id-dmir tas-*supervisor* kien wieħed limitat fis-sens illi huwa kellu id-dmir jallerta lil klijent għal xi nuqqasijiet li jkun hemm fuq is-sit, bir-responsabbilita' imbagħad taqa' fuq il-klijent li jara li dawn in-nuqqasijiet jiġu ndirizzati. Illi ħafna drabi, madankollu, l-klijent ma kienx ikollu it-taħriġ meħtieġ sabiex jara kif dawn in-nuqqasijiet kellhom jiġu rimedjati. Fil-fatt minn daqqa t'għajn lejn dawn iż-żewġ avviżi legali, għalkemm fuq l-ispalla tal-klijent xortawaħda baqgħet tinkombi r-responsabbilita' li jħares is-saħħa u is-sigurta tal-ħaddiema, madanakollu dan il-piż, bir-regolamenti il-ġodda, waqa' wkoll fuq l-ispalla tas-*supervisor* tal-proġett. Dan seħħ bl-introduzzjoni tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 li jixħet fuq is-*supervisor* id-dmir li <u>jieħu dawk il-miżuri kollha</u> li, fil-fehma tiegħu, bħala persuna mħarreġ f'din il-materja, jara li ma jkunx hemm periklu fuq il-post tax-xogħol sabiex is-saħħa u is-siġurta' tal-ħaddiema tiġi garantita. Dan jevita milli jsiru inċidenti f'siti ta' kostruzzjoni fejn ħafna drabi jkun hemm ħafna kaptani qed imexxu il-bastiment, u allura fost id-dmirjiet tiegħu is-*supervisor* għandu il-mansjoni li mhux biss jagħmel superviżjoni kontinwa tas-sit, iżda anke li jikkordina x-xogħol bejn id-diversi kuntratturi u ħaddiema li talvolta jkunu qed jaħdmu fuq il-proġett. L-Avviż Legali 88 tal-2018 (LS424.36) fir-regolament 5 tiegħu, abbinat mar-regolament 6, fil-fatt jagħmel elenku eżawrjenti tax-xogħol tas-*supervisor* b'dan illi dawn żdiedu wkoll bl-Avviż Legali il-ġdid, bir-rwol tal-*project supervisor* jista'

jinqasam f'żewġ stadji u ċjoe' dak *"for the design stage"* u allura fl-istadji inizjali tal-proġett u dak *"for the construction/execution stage"*, b'dan tal-aħħar imqiegħed għal eżami tal-Qorti

**"5. Is-*supervisor* tal-proġett għandu:**

**(1) jieħu kont tal-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà imsemmija fl-Att u regolamenti sussidjarji kif xieraq, matul l-istadji varji tal-iddisinjar u tħejjija tal-proġett,b'mod partikolari:**

**(a) meta aspetti arkitettoniċi, tekniċi u, jew aspetti organizzattivi ikunu qed jiġu deċiżi, sabiex ikunu ppjanati l-oġġetti varji jew fażijiet tax-xogħol li jkunu ser isiru simultanjament jew f'suċċessjoni;**

**(b) meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħlijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol.**

**Kont għandu wkoll jittieħed, kull darba li dan jidher neċessarju, tal-pjanijiet kollha tas-saħħa u s-sigurtà u ta' files imfassla skont is-subregolament (4) jew aġġustati skont il-paragrafu (e) tas-subregolament (4).**

**(2) Il-pjan tas-saħħa u s-sigurtà għandu jistipula r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni konċernat, filwaqt li jitqiesu, fejn meħtieġ l-attivitajiet industrijali li jkunu qiegħdin isiru fuq is-sit; dan il-pjan għandu wkoll jinkludi miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqa' f'waħda jew aktar mill-kategoriji tal-Iskeda II.**

**(3) Fil-każ ta' sit ta' kostruzzjoni fuq liema, xogħol huwa ppjanat li jdum aktar minn 30 jum tax-xogħol u fuq liema aktar minn 20 ħaddiem jaħdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-500 person-days, is-supevisor tal-proġett għandu jikkomunika notifika minn qabel mfassla skond l-Skeda III lill-Awtorità mill-inqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett. Ladarba tibda kull attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja tal-avviż minn qabel għandha tkun murija b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk neċessarju, tkun aġġornataperjodikament.**

**(4) Is-supervisor tal-proġett għandu ukoll:**

**(a) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u għandu jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;**

**(b) jipprepara *file* adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti;**

**(ċ) jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:**

**(i) meta aspetti tekniċi u, jew organizzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex wieħed jippjana l-oġġetti varji jew fażijiet tax-**

xogħol li hemm sabiex isiru simultanjament jew f ' suċċessjoni;

(ii) meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħolijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol;

(d) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:

(i) japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament 9 f'manjiera konsistenti;

(ii) meta meħtieġa, isegwi l-pjan tas-saħħa u sigurtà msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5;

(e) jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 u l-file msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 li jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull bidliet li seħħew;

(f) jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi lill-ħaddiema u jipprevjeni nċidenti u perikli għas-saħħa fuq ix-xogħol u l-informazzjoni reċiproka kif previst fir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li jiżguraw li persuni mpjegati għal rashom huma inklużi f ' dan il-proċess fejn meħtieġ;

(g) jikkoordina arranġamenti sabiex jikkontrolla li l-proċeduri tal-ħidma qed jiġu implimentati b'mod korrett;

(h) jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni

6. Is-*supervisor* tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol."

Fil-fatt skont L-Avviz Legali 88 ta' l-2018 "*supervisor* tal-proġett" tfisser kull persuna naturali jew legali **responsabbli għas-superviżjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' proġett**, imqabbad minn klijent.

Illi allura x-xoghol tas-*supervisor* ma jieqafx mal-pjan mħejji fl-istadju ta' disinn u lanqas ma huwa wieħed biss ta' supervizjoni fejn huwa għandu d-dmir javża lill-klijent bin-nuqqasijiet minnu ravviżati fuq il-proġett, iżda għandu jara l-implimentazzjoni tal-pjan ta' saħħa u siġurta' minnu imfassal u allura li jara li l-persuni kollha involuti fil-proġett ta' kostruzzjoni jkunu qed josservaw dak il-pjan u fejn dan mhux qed isir jinsisti u jadotta miżuri sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati u dan sa fejn għalih pratikabbli. Issa ghalkemm huwa minnu, kif

jikkontendu l-appellanti illi l-liġi u r-regolamenti ma jindikawx kif dan għandu jsir, madanakollu huwa evidenti illi s-*supervisor* ma għandux jagħmel dan b'mod passiv, iżda għandu jara illi il-pjan u s-suġġerimenti minnu magħmula, b'mod speċjali meta jara li hemm xi nuqqasijiet li jistgħu iwasslu għal periklu ta' korriment jiġu ndirizzati mill-iktar fis. Il-fatt illi fuq l-ispalla tal-klijent u ta' min iħaddem hemm ukoll ir-responabbilita' tal-ħarsien tas-saħħa u is-sigurta', ma jeżimiex lis-*supervisor* mid-dmirijiet tiegħu mill-mument li huwa igħarraf lil klijent u lil kuntrattur bil-periklu ravviżat u jieqaf hemm. Iżda għandu jara illi dawk in-nuqqasijiet qed jiġu indirizzati bil-għan li l-periklu jitwarrab mill-iktar fis u fin-nuqqas jaġixxi sabiex jara li dan iseħħ u dan fil-limiti tal-awtorita' u l-kapaċita' li għandu.

Illi għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mill-appellanti illi is-*supervisor* huwa responsabbli fil-kamp penali biss f'każijiet ta' negliġenza u dan għaliex ir-regolament 7 huwa marbut ma' dawk il-każijiet meta tkun seħħet xi ħsara konsegwenzjali għal xi event dannuż. Illi n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti waħdu jwasslu għar-responabbilta' penali immaterjalment mill-fatt jekk tkunx seħħet xi ħsara, f'liema każ biss allura is-*supervisor* tal-proġett għandu iwieġeb għan-negliġenza tiegħu, u dan anke skont l-prinċipji regolatorji fl-istitut tal-*culpa.*

Stabbiliti dawn l-elementi ta' dritt li jirregolaw ir-responsabbiltajiet tas-*supervisor* tal-proġett fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u is-sigurta' fuq is-sit, jifdal biex jiġi determinat jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u raġjonevolement tasal biex issib il-ħtija fl-appellant Andre' Tagliaferro li kien il-*project supervisor* responsabbli għall-proġett fil-jum indikat fl-akkuża. Issa għalkemm fil-*Construction Notification Form* eżebita in atti[6] hemm indikat George Steve Darmanin bħala *project supervisor*, jidher mill-provi kkumpilati illi dan Darmanin ma' baqax impjegat mas-soċjeta *Institute of Health and Safety Limited,* illum *Medilink International Limited,* u x-xogħol ta' *supervisor* beda jiġi eżegwiet mill-appellant Tagliaferro, għalkemm ebda avviż f'dan ir-rigward ma ntbagħat lill-Awtorita'. Mill-atti jemerġi wkoll illi Tagliaferro kien jagħmel spezzjonijiet fis-sit b'mod regolari, u jħejji r-rapporti relattivi. Dawn ir-rapporti

[6] Fol.10 tal-proċess

imħejjija minn Tagliaferro u ppreżentati in atti jindikaw in-nuqqasijiet u l-perikli ravviżati minnu fuq is-sit, liema perikli jidher li uħud minnhom baqgħu ma ġewx indirizzati la mill-klijent u lanqas mill-kuntratturi involuti fil-proġett. Mix-xiehda imbagħad ta' Tagliaferro jidher illi huwa kien in kuntatt kontinwu mal-klijent u mal-ħaddiema fejn diversi drabi ġibed l-attenzjoni għal perikli minnu ravviżżati. Igħid illi minn sezzjoni għall-oħra ġieli nnota li l-periklu jkun tneħħa u ġieli jibqa' ma jitneħħiex. Wara dan iżda jidher illi ma ittieħdu ebda passi ulterjuri minnu. Fil-fatt l-appellant Tagliaferro jikkontendi illi l-Awtorita' kienet ħarrġet b'kollox tlett avviżi biex ix-xogħol jieqaf. Wara dan huwa kien jerġa' jagħmel spezzjoni u jħejji rapport u jekk jindika li x-xogħolijiet rimedjali jkunu saru l-Awtorita' tneħħi l-Ordni ta' Twaqqif u x-xogħol ta' kostruzzjoni jkun jista' jitkompla. In kontro-eżami Tagliaferro jindika illi fiż-żmien indikat fl-akkuża huwa kien għadu mhux persuna kwalifikata biex jaġixxi bħala *project supervisor* u li kien għadu qed jistudja biex jikkwalifika bħala tali. Igħid ukoll illi meta kien jinnota li kien hemm xi periklu għal ħaddiema huwa kien jagħti ordni biex ix-xogħol jieqaf. Jafferma madanakollu illi meta kien qed jinnota illi wara diversi spezzjonijiet ċertu xogħolijiet rimedjali ma kenux qed isiru u li la il-klijent u lanqas il-kuntratturi u l-ħaddiema ma kienu qed jirrimedjaw kif indikat lilhom, huwa qatt ma informa lill-Awtorita' b'dan in-nuqqas. Matul ix-xiehda tiegħu, madanakollu x-xhud jindika illi billi kien għadda iż-żmien huwa ma kienx f'posizzjoni jiftakar bl-eżatt dak li kien seħħ fil-każ ta' dan is-sit partikolari billi hu kien jieħu ħsieb diversi siti.

Illi Josette Cutajar impjegata mas-soċjeta *Institute of Health and Safety Limited* fid-Dipartiment tal-*Health and Safety*, tispjega il-proċedura li kienet issegwi il-kumpanija fil-manzjonijiet tagħha ta' *project supervisors* fejn tikkontendi illi l-ispezzjonijiet kienu isiru kull ġimgħa u kien isir ir-rapport li kien jiġi minnha spezzjonat. Dawn ir-rapporti kienu jintbagħtu minnufih lil klijent u jkellmu lil kuntratturi fuq is-sit. Ir-rapporti kienu jintbagħtu permezz ta' *e-mails*. Tikkontendi illi meta ma kienx ikun hemm triq oħra huma kienu imbagħad jirrapportaw lill-Awtorita'. Madanakollu, din ix-xhud ukoll ma kenitx f'posizzjoni tindika bl-eżatt il-proċedura li ġiet segwieta fil-każ in diżamina.

Illi mill-affidavits ippreżentati mill-Uffiċjali tas-Saħħa u is-Sigurta', li d-difiża ma ressqitx in kontro-eżami, jidher illi b'kollox saru tlett speżżjonijiet mill-Awtorita' f'dan is-sit, waħda f' Jannar 2019, imbagħad f' Lulju 2019 u finalment f'Novembru 2019. Wara kull spezzjoni l-appellant Tagliaferro għadda r-rapporti minnu mħejjija lill-Awtorita' fejn kien hemm nuqqasijiet indikati. Illi wara l-ewwel spezzjoni li saret f' Jannar 2019 mill-Uffiċjal Clinton Cachia x-xogħol ġie imwaqqaf peress illi kien hemm il-periklu ta' waqgħat mill-għoli. F' Lulju 2019 saret spezzjoni oħra mill-Awtorita', din id-darba mill-uffiċjal Catriona Franċica fejn xortawaħda kien hemm nuqqasijiet u nħarrġet ordni oħra biex ix-xogħol jieqaf. Sussegwentement saret spezzjoni oħra mill-Awtorita' u dan f' Novembru 2019 mill-uffiċjal Mira Borg Pisha fejn ċertu nuqqasijiet baqgħu jippersistu u x-xogħol reġa' twaqqaf. Illi wara kull spezzjoni Tagliaferro kien jibgħat kopja tar-rapporti tiegħu lill-Awtorita'. Illi fi Frar intbagħtu erba' rapporti lil Clinton Cachia datati 03/12/2018, 17/12/2018, 08/01/2019, 14/01/2019, lil Francica erba' rapporti oħra datati 18/06/2019, 24/06/2019, 04/07/2019, 08/07/2019 u finalment lil Borg Misha erba' rapporti oħra datati 04/11/2019, 14/10/2019, 25/10/2019 u 29/10/2019.

Illi allura minn dawn il-provi jemerġi illi is-*supervisor* għal dan il-proġett kien qed jagħmel spezzjonijiet kull ġimgħa, u kemm il-klijent kif ukoll il-kuntratturi kienu qed jiġu avżati bin-nuqqasijiet. Ma jidhirx madanakollu illi kien qed isir iktar minn hekk minn naħa tal-appellant Tagliaferro u s-soċjeta li kien impjegat magħha. Illi bir-regolamenti il-ġodda, kif hawn fuq indikat, ma kienx bizzejjed għas-*supervisors* li jibgħat dawn ir-rapporti, jissuġġerixxi li jsir ix-xogħol rimedjali qabel jitkompla ix-xogħol u jieqaf hemm, billi ir-regolamenti il-ġodda jimponu fuqu responsabbilita' akbar. Tant hu hekk illi kull darba li saru spezzjonijiet mill-Awtorita' uħud min-nuqasijiet ravviżati mis-*supervisor* kienu jkunu għadhom ma tranġawx, u b'nuqqasijiet ġodda jiġu nnutati, b'periklu kontinwu għal ħaddiema ta' waqgħat mill-għoli. Tant hu hekk li l-Awtorita' stess kienet waqqfet ix-xogħolijiet, u dan fi tlett okkazzjonijiet differenti, meta allura jidher illi la l-kuntratturi u lanqas il-klijent ma kienu qed jaderixxu mar-rakkomandazzonijiet tas-*supervisor,* u xortawaħda s-saħħa u s-siġurta' tal-ħaddiema fuq dan is-sit ma kenitx qed tiġi mħarsa minn min kellu ir-

responsabbilta' jara li dan kien qed iseħħ, inkluż allura is-*supervisor* tal-proġett. Jidher illi l-miżuri li jsemmi r-regolament 6 hawn fuq iċċitat ma kenux qed jittieħdu mis-*supervisor* li lanqas kellu l-kwalifiki meħtieġa bil-liġi għal dan ix-xogħol kif allura lanqas kien reġistrat bħala "*competent person*" mal-Awtorita'[7]. Fil-fatt kemm Taglifaerro kif ukoll Josette Cutajar lanqas biss kienu f'posizzjoni jiftakru x'kien seħħ b'referenza għal dan is-sit partikolari.

Illi r-regolament 15 iqiegħed l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-imputat f'dawn il-każijiet meta hemm hekk dispost:

> **F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, <u>ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit</u>.**

U allura meta l-appellanti jikkontendu illi ma setgħux jittieħdu miżuri oħra iktar minn dawk li kienu ittieħdu mis-*supervisor* sabiex jottempera ruħu mal-liġi, din il-prova kienet tispetta lilhom u mhux lil Prosekuzzjoni, prova li fil-fehma ta' din il-Qorti, bħal ma kienet tal-Ewwel Qorti qabilha, ma saritx bix-xhieda Tagliaferro u Cutajar, kif ingħad, ma kenux f'posizzjoni jiftakru dak li kien seħħ f'dan il-każ partikolari għajr li kienu saru spezzjonijiet u rapporti li kienu jintbagħtu lil klijent u lil kuntrattur. Tant hu hekk illi ma jidhirx illi xi hadd minn dawn it-tnejn ottemperaw rwieħhom mal-istess tant illi ix-xogħolijiet kellhom jiġu mwaqqfa finalment mill-Awtorita', (u dan mhux wara rapport mill-appellanti) sakemm il-periklu tneħħa, bix-xogħolijiet jiġu ordnati jieqfu fi tlett okkazzjonijiet differenti sabiex b'hekk huwa evidenti li is-*supervisor* ma kienx qed jieħu il-miżuri kollha safejn huwa pratikabbli sabiex iħares mill-periklu fuq il-lant tax-xogħol, *supervisor* li *del resto* lanqas biss kien irreġistrat mal-Awtorita' bħala *a competent person* skont il-liġi, tant illi ma kienx intbagħat avviż lill-Awtorita' li huwa kien qed jassumi r-rwol ta' *project supervisor* minflok George Darmanin li lanqas biss kien għadu impjegat mal-kumpanija. Dawn in-nuqqasijiet, fil-

[7] Dan fit-termini ta'l-artikolu 9(2)(l) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

fehma tal-Qorti, jagħtuha x'tifhem illi la l-appellant Tagliaferro u lanqas il-kumpanija li magħha kien impjegat ma kienu qed jottempera rwieħhom mal-liġi u ir-regolamenti kif kienu fid-dmir li jagħmlu.

Illi finalment il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-lanjanza imqanqla mill-appellanti illi Tagliaferro għandu jiġi lliberat billi huwa ma kienx impjegat mas-soċjeta' *Institute of Health and Safety (Investments) Limited*, u dan għaliex huwa ġie misjub ħati fil-kapaċita' personali tiegħu u mhux vikarja. Mhux biss iżda jirriżulta illi Tagliaferro ġie mixli bħala impjegat tas-soċjeta inkarigata bix-xogħol ta' supervizjoni u kwindi il-ħtija, kif mixli, tirriżulta ippruvata indipendentement mill-kapaċita' li fiha ġie misjub ħati l-ko-akkużat. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel aggravju qed jiġi milqugħ, il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha fl-aħħar aggravju ntentat mill-appellanti għalkemm tirrimarka illi kien fid-dmir ta' Camilleri bħala direttur tas-soċjeta responsabbli mis-supervizjoni tal-proġett illi jara illi il-kumpanija tingaġġa nies li għandhom il-kwalifiki meħtieġa għax-xogħol minnhom magħmul u li jara li jkun hemm l-osservanza tar-regolamenti u tal-liġi, fosthom li jingħata avviż lil Awtorita' dwar il-persuni li huma maħtura minnhom bħala *supervisors* f'proġett ta' kostruzzjoni u li dawn il-persuni huma fost dawk imniżżla fir-reġistru mal-Awtorita'. Illi fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti tqies illi r-responsabbilita' għall-infrazjoni tal-liġi kienet allura tinkombi fil-maġġior parti fuq s-soċjeta' li magħha l-appellant Tagliaferro kien impjegat, għandu jkun hemm revizjoni fil-piena erogata fuq l-imsemmi Tagliaferro biex tirrifletti dan il-fatt, billi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija waħda piuttost oneruża.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata . Tikkonfermaha fejn l-appellant Andre' Tagliaferro ġie misjub ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda tvarja il-piena inflitta fuqu u tikkundannah multa ta' elf ewro (€1000). Tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan għalhekk illi l-appellant Simon J. Camilleri fil-vesti tiegħu ta'

direttur tas-soċjeta *Institute of Health and Safety (Investments) Limited* qed jiġi illiberat minn kull ħtija.

Edwina Grima

Imħallef